NEWSPAPER POST



# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Lulju - Awissu 1999* — *NRU. 109*

## Messaġġ mill-Arcipriet

Għeżież Insara Ġorġjani!

Mill-ġdid qed ninghataw l-okkażjoni li nifirħu b'San Ġorġ u niftaħru bih.

Nifirħu bih għax San Ġorġ hu r-rigal ta' Sidna Ġesù Kristu lilna: Kienet il-Providenza Divina li wasslet l-Isem Qaddis tiegħu fostna u riedet li jkun il-Patrun u l-Protettur ta' gżiritna u niesna.

Niftaħru b'San Ġorġ għax minn mindu ġie fostna sar "tagħna", wieħed minnha, donnu Għawdxi bħalna, membru tal-familja bir-ritratt tiegħu qalb ir-ritratti ta' l-għeżież tagħna. San Ġorġ għandu dik l-attrattiva misterjuża li min jisma' bih u jsir jafu, imqar ftit, jispiċċa nnamrat minnu. Tant hu hekk li kull min jiltaqa' miegħu jipprova jikkapparrah: Għal bosta Ngliżi hu Ingliż imwieled l-Ingilterra; għall-Għarab hu bin l-Għarabja jekk mhux ukoll Musulman, għall-Insara orjentali hu qaddis minn nisilhom u li jgħolli sas-sema ġieħhom u li ħadd m'hu se jeħodulhom. Speċjalment l-oċċidentali!!!

Imma San Ġorġ hu wirt li ma jiċkienx bit-taqsim, anzi jikber. Min jirtu ma jiritx biċċa minnu imma jiret il-misteru sħiħ tiegħu sakemm saħansitra jsir parti mill-ħajja, mill-kultura u mill-identita' tiegħu. Din hi karatteristika partikolari tal-misteru ta' San Ġorġ: San Ġorġ mhux biss Nisrani li għex f'ċertu żmien imma hu ukoll simbolu Kristjan li jinftiehem kull żmien.

Imma ta' xhiex hu simbolu San Ġorġ? Hu simbolu ta' Kristu is-Sid tiegħu u tagħna; il-Feddej tiegħu u tagħna; l-Imħabba tiegħu u tagħna. Il-qawwa li tidher f'San Ġorġ Martri tkellimna primarjament mhux dwar San Ġorġ innifsu imma dwar il-qawwa divina ta' Ġesù Kristu. Il-ġmiel li jżejjen lil San Ġorġ ixandar il-ġmiel divin ta' Ġesù Kristu. Il-glorja li biha hu mdawwar San Ġorġ hi l-istess glorja divina li tiddi minn Ġesù Kristu.

Għalhekk, San Ġorġ li kien qaddej ta' Kristu dment li għex il-ħajja qasira tiegħu fuq l-art, għadu anki llum, meta jinsab glorjuż fis-sema, qaddej ta' Kristu permezz tat-testimonjanza evanġelika tiegħu li l-Knisja ma nsietx, permezz tat-tagħlim li jagħtina bl-eżempju tal-virtujiet tiegħu li l-Knisja tgħożż u permezz ta' l-interċessjoni setgħana tiegħu li l-Knisja universali tfittex.

Mhux ta' b'xejn li San Ġorġ hu Qaddis ta' dejjem. Mhux ta' b'xejn li l-qima lejh hi universali u ma qatgħet qatt. Mhux ta' b'xejn li, għalkemm għex fostna madwar 1700 sena ilu (fis-sena 2003 jaħbat ż-17 il-ċentenarju mill-martirju glorjuż tiegħu), San Ġorġ għad għandu x'jgħidilna dwar il-Fidi Nisranija u kif għandna ngħixuha.

Għandna mitt elf raġun nifirħu b'San Ġorġ u niftaħru bih. U hekk se nkomplu nagħmlu aħna u l-ġenerazzjonijiet Insara ta' wrajna fil-



millennju Nisrani ġdid li dalwaqt jibda. Il-festa ta' din is-sena tikkonkludi millennju Nisrani Għawdxi kollu kemm hu Ġorġjan. Ejjew, mela, niċċelebrawha bil-Fidi li l-ġenerazzjonijiet ta' qabilna jixtiequ jaraw fina. Jekk nagħmlu hekk inkunu qed inħarsu tradizzjoni għażiża ta' serjeta', dinjita' u eżemplarita' li tagħmlulna unur.

Il-festa ta' San Ġorġ hi fuq kollox festa ta' ġol-knisja. Il-mumenti l-aktar importanti huma dawk tal-Liturġija. Għalhekk l-attendenza u l-parteċipazzjoni tagħna lkoll - tfal, żgħażagħ u adulti - għall-funzjonijiet liturġiċi li jsiru ġol-bażilika huma s-sinjal ta' festa li jkun jixirqilha tissejjaħ "ta' San Ġorġ".

*Mons. Ġużeppi Farrugia*
Arċipriet

# IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

Ufficcju Editorjali: CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel : 55 63 77 • Fax: 55 69 81
Email: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


## MEMBRI ĠODDA FIL -KOMUNITA` PARROKKJALI

15.06.99: **NICOLE**
bint Michael Buttigieg u Daniela nee' Lanzon
20.06.99: **PAULA**
bint Christopher Thornton u Romina nee' Vassallo
20.06.99: **JUSTIN**
iben Francis Cauchi u Joann nee' Mejlak
20.06.99: **SAMUEL**
Iben George Aquilina u Maria nee' Calleja
04.07.99: **STEPHANIE**
bint Dr. Victor Curmi u M. Pauline nee' Azzopardi

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

05.06.99: John Lewis Grima u Maria Grech
19.06.99: Mark Anthony Busuttil u Monica Borg
26.06.99: James Vella u Carmen Attard
10.07.99: Godwin Curmi u Sharon Xerri
11.07.99: Felix Zammit u Marla Gauci

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

16.05.99: Gużeppi Gauci
01.06.99: Ġuża Attard
03.06.99: Carmela Vella
07.06.99: Joseph Mariano
10.06.99: Ġorġ Attard
13.06.99: Maria Borg

## RADJU TAL-PARROCCA

Hemm il-ħsieb li jitwaqqaf Radju tal-Parroċċa. Sakemm morna għall-istampa kienet qed issir ħidma kbira biex dan ir-radju jibda jxandar fil-bidu tal-festa ta' San Ġorġ.

Minn dan l-istazzjon hemm il-ħsieb li jixxandru diversi programmi ta' interess kulturali, rikreattiv u reliġjuż, fosthom quddiesa ta' kuljum, u kollegamenti diretti mal-festi interni u esterni għall-benefiċċju ta' l-anzjani u l-morda tagħna.

Diġa kienu diversi dawk li taw kontribuzzjoni fi flus għall-ispejjeż meħtieġa, u ħafna lesti li joffru l-għajnuna tagħhom meta jibda jxandar. Oħrajn interessati li jgħinu għandhom jkellmu lil Dun Effie Masini.

**IR-RADJU TAL-KOMUNITA'**
**LEĦEN IL-BELT VICTORIA**
**SE JXANDAR FUQ IL-FREKWENZA**
***104 FM STEREO***

***KORREZZJONI:*** Nixtieq, ninfurmaw lil min iġemma' ir-rivista li l-aħħar erba' ħarġiet, bi żvista, ġew mogħtija numru żbaljat. In-numru ta' dawn il-ħarġiet kellhom ikunu dawn:
Sett./Ott.-Nov./Deċ. 1998 Nru. 104 - 105
Jannar - Frar 1999 Nru. 106 • Marzu - April 1999 Nru. 107
Mejju - Ġunju 1999 Nru. 108



*Editorjal*

# ĦAREĠ REBBIEĦ BIEX JIRBAĦ

Taħt wieħed mill-kwadri tal-koppla maestuża tal-Bażilika tagħna, proprju taħt il-kwadru tan-nofs, insibu kliem bil-Latin li huwa vers mill-Ktieb ta' l-Apokalissi, li jfissru: "Ħareġ Rebbieħ biex Jirbaħ".

Dawn l-erba' kelmiet jixirqu bil-kbir lill-Patrun tal-Paroċċa tagħna u tad-Djoċesi San Ġorġ Megalomartri. Ħareġ rebbieħ meta ssielet kontra d-dinja ta' madwaru u ma waqax vittma tat-tentazzjonijiet li niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Ħareġ rebbieħ fuq il-ġibda lejn il-ġid tad-dinja, anzi qassam ġidu lill-foqra ta' żmienu. Ħareġ rebbieħ mill-kilba għal poter u qawwa li kull bniedem jista' faċilment jinqabad fiha. Fuq kollox, ħareġ rebbieħ waqt il-martirju tiegħu għax minkejja s-sagrifiċċju u t-tbatijiet kbar li kellu jsofri, ma ċaħadx il-Fidi tiegħu f'Ġesù Kristu.

U wara dawn ir-rebħiet li għamel San Ġorġ tul ħajtu, għamel rebħiet li ilhom sejrin għal dawn l-aħħar sbatax-il seklu. "Ħareġ rebbieħ biex jirbaħ". U hekk għamel! Rebaħ l-ewwelnett il-glorja tas-Sema u żgur li ngħata l-ikbar ġieħ u glorja minn Alla l-Missier. Iżda minn dak in-nhar tat-twelid tiegħu għas-sema baqa' jirbaħ San Ġorġ. Baqa' jirbaħ il-qlub tal-fidili Nsara. Baqa' jsaħħaħ u jqawwi l-Fidi ta' ħafna matul is-sekli li għaddew. San Ġorġ, baqa' u ser jibqa' jirbaħ, anke fil-Millenju li ġej.

Ser ikompli jirbaħ lil ta' warajna u lil ta' warajhom. Ser jibqa' jkun l-ispirazzjoni ta' ħafna u ħafna Nsara li ser jgħixu ħajjithom fuq il-mudell ta' ħajtu. Ser jibqa', San Ġorġ, ikun l-ispirazzjoni ta' bosta u bosta fil-qasam ta' l-arti. Ser jibqa' ukoll għall-millenju li ġej, il-Protettur għażiż tagħna. U bħalma ħarisna fl-imgħoddi hekk ser ikompli jagħmel għal li ġej.

Iżda aħna wkoll irridu nagħlu l-parti tagħna. Irridu niġġieldu biex nirbħu. Irridu ngħixu ħajja Nisranija awtentika, minkejja kull tfixkil li tippreżentalna l-era moderna. Jekk jirnexxielna nagħmlu dan aħna wkoll noħorġu rebbieħa u nirbħu l-premju mwiegħed lilna mis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. Dan hu l-awgurju tagħna għall-Komunita' Parrokkjali, għall-emigranti, għaż-żgħażagħ u għat-tfal, għal-familji tagħna.

***VIVA SAN ĠORĠ MARTRI***

## XOGĦOL TA' TISWIJA FIL-KOPPLA

Qed isir xogħol ta' tiswija urġenti minn barra fil-koppla tal-Bażilika tagħna. Ix-xogħol ta' *scafolding* qed jieħu ħsiebu Ivan Galea. Huwa ttamat li dan ix-xogħol jitlesta qabel jgħaddi dan is-sajf.

# SENA TA' IMPENJI PRESTIĠĠJUŻI GĦAL "CHORUS URBANUS"

Minbarra l-impenji fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Chorus Urbanus jonora wkoll skeda ferm impenjattiva fl-attivita' kunċertistika Maltija. Fost impenji oħra bejn l-aħħar tal-1998 u l-ewwel xhur tas-sena kurrenti, insibu li l-Kor kien protagonista f'diversi attivitajiet kulturali ta' l-ogħla kwalita' u prestiġju kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Dan hu xhieda ta' l-isem u l-fama li jgawdi l-Chorus Urbanus, isem li ntlaħaq bil-perseveranza u d-dedikazzjoni tal-koristi, kif ukoll bil-hila, teknika u dixxiplina tas-Surmast John Galea.

Il-Chorus Urbanus kien mistieden mill-Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ, f'Malta, biex jieħu sehem f'serata kommemorattiva fl-okkażjoni tal-festi nazzjonali li saru biex jiġi mfakkar is-sehem tal-poplu Żebbuġi fil-qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Il-Kor kanta l-"Choral Overture Xerri u Karwana" tas-surmast Adeodato Gatt. Dan ix-xogħol ilu ma jiġi esegwit għal xi snin minħabba l-parti mpenjattiva li għandu l-kor. Pero' din l-isfida ġiet megħluba bl-unuri kollha u għal dab'oħra l-kor kabbar l-istima li jgawdi fil-gżejjer Maltin.

Nhar l-Erbgħa 11 ta' Novembru 1998, il-Kor esegwa kunċert ta' mużika korali lil MusikFrende Gesellschaft fil-lukanda de luxe L-Imġarr Hotel. Il-kor kanta mużika korali operistika kif ukoll bċejjeċ oħra mir-repertotju klassiku tiegħu. Flimkien mas-solisti Yvonne Galea, Noel Galea, Mario Portelli u Espedito Hili, ħadu sehem ukoll l-aħwa Frank u George Camilleri. Fi tmiem il-kunċert il-kor fuq l-insistenza ta' l-udjenza preżenti ġie mġiegħel ikanta mhux inqas minn darba erba' numri bħala 'encore'. Il-kompatezza tal-vuċijiet kif ukoll l-osservazzjoni tad-dinamika kienu fuq fomm kulħadd.

F'Għawdex ukoll il-Kor kien impenjat f'żewġ attivitajiet kulturali. Bħala parti mill-festi Ċentinarji tal-150 sena ta' l-istatwa ta' l-Immakulta Kunċizzjoni, il-Kor ħa sehem f'Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fil-knisja tal-patrijiet Franġiskani Konventwali nhar is-6 ta' Diċembru l998, taħt il-presidenza tal-mistieden ewlieni l-E.T. il-Kardinal Jose' Sanchez. Il-Kor kien mogħti wkoll l-inkarigu mill-Kunsill tal-Kultura flimkien mal-Kumitat Festi Nazzjonali u Popolari, biex itella' programm kommemorattiv għal Jum ir-Repubblika. Flimkien mas-solisti, il-Kor kien preċiż u puntwali fl-impenji tiegħu biex ikkontribwixxa serata mill-aqwa.

Imma l-aqwa tlett impenji għall-Kor kienu jinkludu bla dubju ta' xejn Iż-żewġ Kunċerti ma' l-Orkestra Nazzjonali mmexxija mis-Surmast John Galea, lu hu wkoll wieħed mir-'rotating conductors' ta' l-orkestra. L-ewwel kunċert ittella' fis-Sala Sir Temi Zammit, ġewwa l-Univesita' ta' Malta nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru 1998. Flimkien mal-Chorus Urbanus ħa sehem ukoll il-Kor Voci Angeliche tas-Santwarju tax-Xagħra. F'dan il-kunċert, il-parti konklussiva ġiet afdata f'idejn is-solisti Yvonne Galea u Noel Galea li flimkien maż-żewġ korijiet taw rediment kommoventi ta' numru ta' għanjiet tal-Milied li ġew orkestrati għall-okkażjoni mis-surmast Galea.

Anke l-kritiċi tal-gazzetti lokali faħħru l-mod kif ġew esegwiti dawn il-'carols'. L-arranġamenti mużikali tas-Surmast Direttur laqtu wkoll widnejn il-kritiċi, li faħħru t-teknika li ġiet użata biex jinkisbu l-aqwa effetti u kuluri kemm fl-orkesta, kif ukoll fil-kor. Din il-parti tal-kunċert reġgħet ġiet esegwita f'kunċert grandjuz tal-Milied li l-orkestra Nazzjonali tat fil-Bażilika Marjana tax-Xagħra, nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 1998. Dan il-kunċert sar taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, li matulu nfetħet il-kampanja tal-Community Chest Fund ġewwa l-gżira Għawdxija. Għal darb'oħra l-korijiet taw interpretazzjonijiet mirquma li milqugħa b'applawsi kbar. L-akustika tas-Santwarju għenet biex kull sezzjoni tinstema' limpida u fina. Stajna nunnutaw s-sens ta' sodisfazzjon li kellu l-pubbliku li ħonoq kull rokna tal-Knisja. Anke saħansitra ġriet il-kelma fost l-udjenza barranija preżenti, li dan il-kunċert kien wieħed ta' klassi għolja ferm u ħafna kienu tal-fehma li dan il-kunċert ser jibqa' fost l-aqwa kunċerti li saru tat-tip tiegħu ġewwa gżiritna. Spikka ħafna l-kuntrast qawwi bejn il-mumenti meqjusin ta' ħlewwa liema bħala ma' l-oħrajn maestużi u ta' qawwa mingħajr ebda vuċi ma tissupera lilll-oħra. Illum il-ġurnata, dawn il-kuntrasti saru sinonimi mal-Chorus Urbanus.

Matul ix-xahar ta' Frar bdew għaddejjin sessjonijiet intensivi ta' preparamenti għal dak li ġie deskritt mill-media lokali bħala il-'highlight' ta' l-ewwel edizzjoni tal-Manoel Theatre Opera Festival. Għal din l-okkażjoni l-kor kien impenjar bis-sħiħ fir-'revival' tal-"Messa de Rohan" ta' Nicolo' Isouard. Din il-quddiesa miktuba għal solisti, kor SATB u orkestra ġiet miktuba fl-1795 u ma jidhirx li ġiet esegwita għlief għall-ewwel darba f'dik is-sena. Is-Surmast John Galea kien inkarigat mit-Teatru Manoel biex jagħmel edizzjoni kritika u prattika, bir-rigur xjentifiku li din timplika, biex din il-quddiesa tkun tista' tiġi esegwita fiż-żminijiet ta' illum. Għal dab'oħra l-Chorus Urbanus kien afdat bil-parti korali biex flimkien mas-solisti Yovanne Galea (Sopran), Masako Tanaka Protti (Mezzo-sopran), Tsutomu Omae (Tenur) u Noel Galea (Baxx) tawna serata li fi kliem il-kritiku ta' l-arti tal-ġurnal "Sunday Times of Malta" Cecilia Xuereb, ġiet deskritta bħala "Remarkable Isouard". L-udjenza, li fil-parti l-kbira tagħna kienet frustiera, u li ġew apposta għal din ir-rappreżentazzjoni, ħonqot kull spazju f'St. Paul's Anglican Cathedral fil-Belt Valletta. Is-solisti, kor u orkestra kienu f'vena mill-aqwa u stajna nduqu l-benna tal-wirt kulturali kbir li ħallewlna kompożituri Maltin li għamlulna ġieħ. Il-Kor kien eċċellenti u dixxiplinat kemm fl-entrati u kif ukoll fl-osservazzjoni tad-dinamika. Dan hu frott l-impenn u s-serjeta' li l-membri kollha wrew biex dan ix-xogħol seta' jitwettaq bl-interpretazzjoni adatta għal perijodu li fih inkitbet din il-quddiesa. Minn naħa tiegħu l-pubbliku wera l-apprezzament tiegħu billi ngħatat ovazzjoni għal madwar seba' minuti u nofs u saħansitra kellha terġa' tiġi esegwita l-aħħar parti tal-Credo bħala 'encore'. Hija ħaġa ċerta li l-Ħadd 7 ta' Marzu 1999, ser jitniżżel fl-annali tal-Chorus Urbanus b'ittri tad-deheb bħal wieħed mill-avvenimenti singulari fl-istorja riċenti tiegħu.

Is-servizz li l-Chorus Urbanus qed jiġi mitlub jagħti fl-isfera kulturali tal-gżejjer tagħna juri maturita', dedikazzjoni u kompetenza. Huwa riżultat ta' mħabba lejn l-arti korali, sagrifiċċju, ħidma intensiva u direzzjoni mill-aqwa. ●



*Mro. John Galea jidderieġl l-Orkestra Nazzjonali flimkien mal-Korijiet Chorus Urbanus u Voci Angeliche fil-Bażilika tax-Xagħra.*

## Lejn Is-Sena 2003

# SAN ĠORĠ MARTRI: MUDELL TA' ĦAJJA NISRANIJA



Pitura ta' San Ġorġ - Modica (Sqallija)

**DUN ĠUŻEPP GAUCI,** *mill-kollezjoni tiegħu "San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura" jagħtina tagħrif dwar il-kult ta' San Ġorġ f'xi bliet ta' l-Italja.*

*Tliet snin oħra, fit-23 ta' April 2003, inkunu qed niċċelebraw is-17-il ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ. U meta ngħid "niċċelebraw" nifhem mhux biss aħna l-Għawdxin li nqimu lil San Ġorġ bħala patrun tad-Djoċesi tagħna, iżda wkoll ħutna l-Qormin ta' Malta, u tant u tant komunitajiet mexxerdin mad-dinja kollha li jqimu lil San Ġorġ Martri bħala Patrun u Protettur tagħhom. Huwa kważi impossibbli li telenka lil dawk kollha li jqimu lil San Ġorġ fid-dinja kollha. Iżda f'din il-kitba qasira tiegħi, se nsemmi fil-qosor xi postijiet fl-Italja li magħhom kelli korrispondenza f'din l-aħħar sena, f'relazzjoni mal-kollezzjoni li għandi dwar "San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura". Mit-tagħrif li nikseb qed jirnexxieli dejjem aktar insaħħaħ il-presważjoni tiegħi kemm hawn popli li sabu f'San Ġorġ Martri idejal ta' ħajja tassew nisranija.*

### LOCOROTONDO (Bari)

Kull min jivvjaġġja ma' l-ajruplani ta' l-"Alitalia" u ma' l-ikel jitlob flixkun imbid, jinghata wiehed bit-tikketta bix-xiebha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel u bil-kitba "Casale San Giorgio". Dan hu l-isem antik li kellu l-Comune ta' Locorotondo fil-provinċja ta' Bari, fl-Italja. Il-bidu tal-patronat ta' San Ġorġ f'dan il-post hu antik ħafna u l-Knisja Parrokkjali ta' Locorotondo, dedikata lil San Ġorġ Martri, tissemma diġa f'dokumenti tal-1195. L-ewwel abitanti ta' Locorotondo riedu jafdaw ruħhom fil-ħarsien ta' San Ġorġ biex jissaħħu fil-fidi nisranija, imma fuq kollox, biex ikunu mħarsa mill-perikli kbar li fihom kienu jinsabu n-nies ta' dawk l-inħawi. Dan kollu, in-nies ta' Locorotondo għadhom jagħtu xiehda għalih sa llum, meta kull 22 t'April, lejliet il-Festa ta' San Ġorġ, jinġabru fil-Knisja tiegħu flimkien ma' l-Awtoritajiet u l-Assoċjazzjonijiet ċivili u militari tal-belt, għaċ-ċerimonja msejħa tad-"dono", li fiha jġeddu r-rieda tagħhom li jibqgħu taħt il-ħarsien ta' San Ġorġ.

### S. GIORGIO A CREMANO (Napli)

Fil-Provinċja ta' Napli hemm il-Comune ta' San Giorgio a Cremano, Il-kelma Cremano tfakkar li dan il-post, qrib ħafna tal-Vesuvju, kemm-il darba għadda mill-esperjenza tal-ħruq ("cremare"= taħraq), ta' dan il-vulkan. L-aħħar esperjenza kienet dik tat-18 ta' Marzu 1944, meta l-Vesuvju qam mir-raqda tiegħu u fit-22 ta' Marzu, il-lava taħraq bdiet toqrob sewwa lejn San Giorgio a Cremano. Il-poplu għadda l-lejl fil-Knisja jitlob. L-istatwi ta' San Ġorġ u ta' l-Immakulata ġew esposti għall-qima tal-poplu. Fis-2.00pm, meta t-theddida tal-Vesuvju kibret, instema' id-daqq tal-qniepen u kif għamlu fl-1872, is-Sindku u l-Kappillan tal-post mexxew purċissjoni biż-żewġ statwi lejn fejn il-lava taħraq kienet diġa bdiet thedded id-djar ta' San Giorgio a Cremano. Kif waslu, il-Kappillan Dun Ġorġ Tarallo, bi kliem imqanqal heġġeġ lill-fidili għal att ta' indiema u ta' fidi qawwija fil-ħarsien ta' Marija u ta' San Ġorġ. Il-poplu għajjat: "Viva l-Madonna! Viva San Ġorġ!" U dak il-ħin stess il-lava waqfet fejn kien hemm l-istatwi ta' l-Immakulata u ta' San Ġorġ. Sa llum, il-poplu ta' San Giorgio a Cremano għadu jfakkar din l-okkażjoni bil-"Festa Patronale della Lava" li ssir f'Ġunju ta' kull sena, u li fiha tingħata qima speċjali lil San Ġorġ, minbarra dik li tingħata fil-Festa tat-23 t'April.

### BONATE SOTTO (Bergamo)

Fil-Comune ta' Bonate Sotto, fil-Provinċja ta' Bergamo, hemm Knisja ta' San Ġorġ Martri li l-oriġini tagħha hi mitlufa fiż-żmien. L-ewwel ħjiel dokumentat dwarha hu dak tal-Vista Pastorali ta' l-Isqof ta' Bergamo, Mons. Vittore Soranzo, li saret fis-6 ta' Mejju 1550. Iżda l-eżistenza ta' Knisja dedikata lil San Ġorġ, f'dan il-post, hi msemmija f'dokument ta' l-4 ta' Jannar 1068. Dwar il-Kinisja ta' San Ġorġ ta' llum insibu miktub li l-poplu ta' Bonate Sotto, imħares mill-pesta ta' l-1630 wieħed, fi żmien il-paċi fl-1640 bena, u fi żmien il-gwerra fl-1728 sebbaħ. Din il-Knisja, imbagħad, ġiet ikkonsagrata mill-Isqof ta' Bergamo, Girolamo Grumelli, fit-22 ta' Mejju 1740. F'Bonate Sotto, hemm istituzzjoni soċjali li tgħin lill-familji fi ħtieġa, u li ġġib l-isem "Mutua Sanitaria di San Giorgio'; bl-istess imsem ta' San Ġorġ hi għaqda sportiva taċ-ċikliżmu, filwaqt li "Bosco San Giorgio" hi żona kbira kollha siġar fejn id-dilettanti tan-natura jsibu l-mistrieħ tagħhom. Il-Knisja ta' San Ġorġ ta' Bonate Sotto hi llum gawhra ta' Arti, espressjoni mill-isbaħ ta' l-imħabba tal-poplu lejn il-patrun tiegħu, San Ġorġ Martri.

### MELPIGNANO (Lecce)

San Ġorġ hu wkoll patrun ta' Melpignano, fil-Provinċja ta' Lecce. Il-Melpinjani huma devoti kbar ta' San Ġorġ u jqimuh bis-sħiħ matul is-sena kollha, l-aktar fil-jum tat-23 t'April. Jirrakkuntaw li snin twal ilu, in-nies ta' Conigliano d'Otranto, belt qrib ta' Melpignano, fejn San Ġorġ hu wkoll il-Patrun u fejn issir fiera kbira f'jum San Ġorġ, talbu lin-nies ta' Melpignano biex jagħtuhom l-istatwa ta' San Ġorġ għall-Festa. Naturalment, il-melpinjani ma riedux għax kellhom il-Festa tagħhom. Imma dawk ta' Corigliano marru bi ħġarhom f'Melpignano u ħadu bil-forza l-istatwa ta' San Ġorġ tal-melpinjani. Iżda kif waslu biex jidħlu f'Corigliano, l-istatwa ta' San Ġorġ saret tant tqila li ħadd ma seta' jġorrha aktar. Reġgħu u reġgħu ppruvaw, imma l-istatwa ta' San Ġorġ kienet tkun ħafifa f'Melpignano u tqila f'Corigliano. B'hekk kulħadd għaraf li San Ġorġ ried jibqa' f'Melpignano fejn għadu sa llum u fejn hu meqjum b'għożża kbira mil-melpinjani.

### DALMINE (Bergamo)

Knisja oħra ta' San Ġorġ li hi antika ħafna, hi dik ta' Dalmine fil-Provinċja ta' Bergamo. Mhux magħruf meta u minn min ġiet mibnija din il-Knisja. Iżda hu żgur li kienet teżisti fl-1155, għax tissemma mill-Papa Adrijanu IV, fil-Bulla mibgħuta lill-Kappillan ta' Pontirolo li mill-Vigarjat tiegħu, kienet tagħmel parti Dalmine. Din il-Knisja ta' San Ġorġ, flimkien mal-Monasteru li kien hemm magħha, kienu proprjeta' tal-Kanoniċi Lateranensi bejn l-1488 u l-1785. Fis-27 ta' Settembru, S. Karlu Borromeo, Arċisqof ta' Milan, għamel il-Vista Pastorali f'dil-Knisja ta' San Ġorġ,, filwaqt li fit-12 ta' Ġunju 1614, saret il-Vista Pastorali mill-Kardinal Federigo Borromeo, Arċisqof ta' Milan. F'din ta' l-aħħar naqraw li dak in-nhar tal-Vista, fil-Knisja ta' San Ġorġ, kien hemm pittura ta' San Ġorġ ma' S. Rokku. Kien fl-1783/84 li bi ftehim bejn l-Imperatur ta' l-Awstrija, Ġużeppi II u r-Repubblika ta' Venezja, ġie stabbilit li l-limiti tad-Djoċesijiet għandu jkun jaqbel ma' dak

tal-Provinċja, li din il-Knisja ta' San Ġorġ fil-Comune ta' Dalmine, saret tifforma parti mid-Djoċesi ta' Bergamo, kif għadha sa llum.

**MILAN**

Fil-qalba ta' Milan, sewwasew f'Via Torino, hemm Knisja antika ħafna ta' San Ġorġ, imsejħa "San Giorgio al Palazzo". Din il-Knisja ta' llum hi riżultat ta' ħafna ġrajjiet storiċi u fatti artistiċi. Skond tradizzjoni antika, kien San Natale, Arċisqof ta' Milan, li wassal għat-tmiem il-bini ta' din il-Knisja u ddedikaha lil san Ġorġ Martri fis-sena 747. Qrib ħafna ta' din il-Knisja kien hemm il-Palazz Imperjali mibni minn Maximianus Herculeus (286-305), u minħabba f'hekk dil-Knisja ssejħet "al Palazzo", jiġifieri, ħdejn il-Palazz. Fil-bidu tas-Seklu 17, il-Kardinal Federigo Borromeo, ħa ħsieb dil-Knisja u wettaq fiha xogħlijiet importanti taħt it-tmexxija ta' l-arkitett magħruf, Francesco Maria Richino (1584-1658). F'din il-Knisja, Bażilika u Kolleġġjata, hemm meqjum il-ġisem ta' San Natale, Arċisqof ta' Milan, li l-Festa tiegħu ssir fit-13 ta' Mejju. Minħabba r-relazzjoni li hemm ma' l-editt ta' Milan tas-sena 313, li bih l-Imperatur Kostantinu ta l-liberta' lill-Knisja Kattolika, f'din il-Knisja ta' San Giorgio al Palazzo, madwar il-koppla, hemm kitba bil-Latin li tgħid: "San Ġorġ, Patrun u titular tal-Milizja Kostantinjana, itlob għalina".

**TREVIOLO (Bergamo)**

Il-qima lejn San Ġorġ fi Treviolo, Provinċja ta' Bergamo, kienet sa minn dejjem imħawla sew fil-qlub tal-fidili, u ċċelebrata b'sollennita' partikulari fl-eqreb Ħadd għat-23 t'April. Fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru fit-18 u d-19 t'April 1903, biex ifakkru s-16-il ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ, Mons. Carlo Castelletti, waqt il-Paniġierku tal-Festa, semma dokument tas-sena 929 u qal: "din il-Parroċċa hi bla dubju l-eqdem waħda ddedikata lil San Ġorġ f'Bergamo, għax elf sena ilu f'dan il-post li dak in-nhar kien imdawwar bis-swar, diġa kien hawn Bażilika ddedikata lill-għażiż martri San Ġorġ". Is-saqaf ta' din il-Knisja, illum hu impitter b'xeni mill-martirju u l-glorja ta' San Ġorġ, xogħol ta' V. A. Orelli li sar bejn l-1781 u l-1804. Il-kwadru titulari tal-Knisja, li jirrappreżenta lil San Ġorġ fuq iż-Żiemel fi ġlieda mad-dragun, hu opra ta' G. Griffoni ta' l-1596. Fuq il-kampnatr għoli tal-Knisja hemm statwa ta' San Ġorġ magħmula mir-ram, għolja 4 metri, li tqiegħdet fil-post fl-1939.

**MODICA (Sqallija)**

Il-Knisja ta' San Ġorġ f'Modica, fi Sqallija, hi waħda mill-knejjes monumentali ta' Sqallija. L-ewwel li tissemma hi Knisja dedikata lis-Salib Imqaddes li nqerdet fit-845 u li nbniet mill-ġdid fl-era Normanna, lejn tmiem is-Seklu 11. Kien f'dan lż-żmien li l-Knisja ġiet dedikata lil San Ġorġ. Bit-terremot ta' l-1613, il-Knisja kellha ħsarat kbar tant li kważi ġiet mibnija mill-ġdid. L-istess ġara bit-terremot ta' l-1693. Il-Knisja ta' illum hi dik mibnija lejn tmiem is-Seklu 18 u l-bidu tas-Seklu 19. It-titular tal-Knisja hu ffurmat minn polittiku b'disa' xeni li f'sebgħa minnhom jinġabru l-misteri ewlenin ta' Kristu u fit-tnejn l-oħra, fil-kantunieri ta' isfel hemm San Ġorġ u San Martin: San Ġorġ jagħti xhieda għal Kristu bil-Martirju, u San Martin, bil-Karita'. Dan il-polittiku hu attribwit lil Bernardino Niger (1573). L-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel li ta' kull sena tinġarr f'purċissjoni fil-Festa li ssir lil San Ġorġ, ingħatat lill-Knisja mill-Kanoniku Antonio Scifo' għall-bidu ta' l-1900. Jingħad li nħadmet f'daru minn skultur eżiljat minn pajjiżu u li sab rifuġju fid-dar tiegħu. Fil-knisja hemm ukoll urna tal-fidda, imżejna bi skultura mill-isbaħ, li fiha jinżammu r-relikwi ta' San Ġorġ, u li tinġarr ukoll fil-Purċissjoni fil-Festa ta' San Ġorġ.

Dawn huma ftit eżempji mill-ħafna komunitajiet li jqimu lil San Ġorġ Martri bħala Protettur tagħhom. Il-qima lil San Ġorġ hi ġejja minn żminijiet antiki, u l-figura ta' San Ġorġ kienet dejjem ispirazzjoni bla waqfien ta' ġlieda kontra kull xorta ta' ħażen. Id-dinja ta' llum hi mimlija b'suriet diversi ta' ħażen li jheddu bla waqfien il-ħajja Nisranija. Iżda l-figura simbolika ta' San Ġorġ fi ġlieda kontra d-Dragun, għandha tqanqalna biex ma nibqgħux passivi quddiem dawn is-suriet diversi ta' ħażen ta' żminijietna. Bħal San Ġorġ jeħtieġ li nxiddu l-armi spiritwali u niġġieldu u nirbħu. San Ġorġ wasal għar-rebħa u sar mudell ta' ġlieda spiritwali kontra d-dragun tal-ħażen, għax għażel it-triq iebsa tal-Martirju. L-Insara li bħal San Ġorġ iridu jirbħu, jeħtieġ li jimxu fit-triq li wriena San Ġorġ: it-triq taċ-ċaħda li talab Kristu stess mid-dixxipli tiegħu. J'Alla San Ġorġ ikun għalina, u għal dawk kollha li jqimuh, mudell ta' ċaħda li twassal għar-rebħa.

---

*Riferenzi:*

Montanaro Pasquale: "L'Antica Cappella di S. Giorgio": Locorotondo: 1993.
Simonetti Pino: "Il Vesuvio, S. Giorgio e la Festa": S. Giorgio a Cremano: 1998.
Comune di Melpignano: "Leggende e Curiosita'": Bergamo: 1990.
Comune di Bonate Sotto: La Chiesa di S. Giorgio in Bonate Sotto":Bergamo 1998
Chisetti Tomaso: "Alla Ricerca delle Radici di Dalmine" : 2 Volumi: Bergamo: 1998.
Pesenti Angelo: "Treviolo: La Comunita' di S. Giorgio Martire dalle origini al 2000" : Ferrari Editrice: Bergamo: 1998
Giulio Colombo: "S. Giorgio al Palazzo": Guida Descrittiva: Milano 1976.
Comune di Modica: "Chiesa Madre S. Giorgio": Modica 1980

## AD MULTOS ANNOS

## DUN ĠWANN DIMECH

### *50 Sena Saċerdot*



**Nhar il-Ħadd 6 ta' Ġunju 1999 il-Kanoniku Monsinjur Ġwann Dimech fakkar għeluq il-50 sena ta' saċerdozju.** Dun Ġwann kien qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ u kien xieraq li hu għażel li fi ħdan il-Komunita' Nisranija Ġorġjana jirringrazzja lil Alla għall-ħamsin sena ta' ħidma fost l-erwieħ. F'din iċ-ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr għamel id-diskors ta' l-okkażjoni Mons Arċipriet Ġużeppi Farrugia u ħadu sehem fiha l-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Kavallieri ta' Malta (SMOM) filwaqt li l-Banda "La Stella" laqgħet lil Dun Ġwann fil-Pjazza tal-Bażilika. Ħa sehem ukoll il-Kor "Laudate Pueri" taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġorġ Frendo flimkien mal-Kappella Muzikali taħt id-direzzjoni tal-Prof. Mro. Joseph Vella. Wara l-Konċelebrazzjoni Solenni Mons. Dimech ippreżenta żewġ gandlieri tal-fidda lill-Komunita' Parrokkjali, filwaqt li minn naħa tiegħu Mons Arċipriet ippreżenta lil Mons Dimech b'rigal ta' tifkira.

Kienet dehra sabieħa dik ta' dan is-saċerdot meritevoli mdawwar b'ħutu s-saċerdoti, il-familja tiegħu, il-Kavallieri lebsin l-abiti tagħhom u l-Komunita' Nisranija kollha tfaħħar u trodd ħajr lil Alla miegħu.



**Nifirħu lil Sr. GIOVANNA GAUCI,** mill-Komunita' Parrokkjali tagħna, li din is-sena qed tiċċelebra b'radd il-ħajr, il-25 Sena mill-Professjoni Reliġjuża tagħha. Sr. Giovanna hi bint Ludoviku u Giovanna u oħt Dun Ġużepp Gauci. Qabel daħlet soru mal-Fraġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għamlet snin Presidenta tas-Sezzjoni Victoria taż-Ż.H.N. u kienet għalliema mal-Gvern. Għamlet il-Professjoni Reliġjuża tagħha fis-16 t'April 1974 fil-Knisja tal-"Casa Madre" ta' Triq Palma. Fil-preżent hi l-Pricipal ta' l-iskola tas-Sorijiet Franġiskani f'Warrawong, fl-Awstralja. Sr. Giovanna hi l-aħħar vokazzjoni reliġjuża li s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù kellhom mill-komunita' tagħna. L-isbaħ awgurju li nistgħu nagħtuha hu li notolbu biex jimbtu aktar vokazzjonijiet reliġjużi fi ħdan il-Komunita' Ġorġjana.

# META IL-FESTA LITURĠIKA TA' SAN ĠORĠ KIENET GĦALL-KOMUMNITA' PARROKKJALI FESTA TA' PREĊETT

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

## Il-QEDEM TAL-FESTA

Il-festa ta' San Ġorġ, Patrun u Protettur tar-Rabat u ta' Għawdex, hija qadima daqs kemm hija qadima l-Knisja u l-Parroċċa tiegħu mwaqqfa fuq l-għola post fil-qalba tar-Rabat. Minn dokument misjub fl-Arkivji Sigrieti tal-Vatikan f'Ruma, irriżulta li fl-1450 mhux inqas minn ħames knejjes f'Għawdex, fir-Rabat, kienu magħżula biex minnhom jinkisbu l-indulġenzi tal-Ġublew. Dawn kienu Beata Maria (Santa Marija Savina), San Ġakbu, San Ġorġ, Santu Wistin u San Pietru fiz-Zuntier.(1) Dan id-dokument juri li 'l fuq minn 549 sena ilu fir-Rabat kienet issir il-festa ta' San Ġorġ, li ta' dan il-qaddis Martri kienet teżisti diġa l-knisja.

Fil-ktieb "Il-Martiroloġju Ruman" fit-23 t'April nsibu miktub hekk bil-Latin: "Natalis Sancti Georgii Martyris, cujus illustre Martyrium inter Martyrum coronas Ecclesia Dei veneratur."(2)

Fil-Visti Pastorali ( li xi whud minnhom ippublikajt fil-ktieb tal-Festa ta' San Ġorġ maħruġ kull sena mis-Soċjeta Filarmonika 'La Stella') jirriżulta kif kienet issir il-festa liturġika ta' San Ġorġ fit-23 ta' April ta' kull sena. Jixraq li xi darba jsir studju erju dwar l-evoluzzjoni tal-festa ta' San Ġorġ fil-Knisja Parrokkjali tiegħu u dwar ukoll il-festa esterna. Hemm ħafna materjal li għadu ma nġabarx kollu u ppubblikat. Xi ħaġa minn dan il-materjal għandu minn qiegħed jikteb, imma mhux kollox. Għad trid issir riċerka iktar fil-fond. Bejn is-snin 1991-96 kont ġbart ħafna materjal u qassamtu fi tliet volumi. Dwar il-festa ta' San Ġorġ, mużika, baned, dawl bit-tazzi taż-żejt, ġiġġifogu u armar fil-knisja hemm ħafna x'wieħed jiġbor.

F'Għawdex tibqa' dejjem il-Parroċċa ta' San Ġorġ tar-Rabat li ġabet l-ewwel statwa titulari. Din l-istatwa artistika hija kapolavur fl-injam ta' Mastru Pietru Pawl Azzopardi. L-istatwa saret fl-1839 wara weghda minħabba l-marda tal-kolera li kienet bdiet tixtered fix-Xewkija fl-1837.

Għall-festi ta' barra kienet is-Soċjeta' Filarmonika 'La Stella Vincitrice' li ġabet l-istatwa ta' San Ġorġ ta' Barra fl-1894 kapolavur ta' l-istatwarju Vincenzo Cremona (1837-1922).

Mis-sena 1870 il-festa ta' San Ġorġ kienet ġiet trasferita mit-23 t'April għar-Raba' Ħadd ta' l-Għid. Dan jidher mir-riforma tal-Kalendarju Djoċesan approvat fit-3 ta' Marzu 1870. Dwar il-mużika li kienet tieħu sehem fil-festa ta' San Ġorġ, lejliet u nhar il-festa, kienet tinġab minn Malta il-Mużika tas-surmast Nani. Hekk kien jgħidli Mons Fortunato Grech u hekk ukoll sibt miktub wara riċerka li għamilt f'ġurnali lokali.

Sa l-1897 fil-purċissjoni bl-istatwa artistika u devota ta' San Ġorġ kienet tieħu sehem il-Banda La Stella. Wara l-inkwiet fi Pjazza it-Tokk li kien inqala' bejn iż-żewġ partiti tal-baned fil-purċissjoni tas-sena 1897 l-Isqof Ġann Marija Camilleri, Agostinjan, neħħa l-banda 'La Stella' mill-purċissjoni. Fis-sena 1936 l-Isqof Mons Mikiel Gozi mill-ġdid reġa' ta l-permess li fil-purċissjoni ta' San Ġorġ terġa tibda ddoqq il-Banda 'La Stella'. Il-festi ta' barra ta' San Ġorġ kienu ġew afdati f'idejn is-Soċjeta' Filarmonika 'La Stella' mill-Isqof t'Għawdex Mons Pietru Pace, fi żmien meta l-prokuratur tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ kien Dun Ġużepp Marcieca.

Il-Festa ta' San Ġorġ mir-Raba' Ħadd ta' l-Għid kienet ġiet trasferita għat-tilet ħadd ta' Lulju fl-1953 bil-kunsens ta' l-Isqof Mons Ġużeppi Pace u bil-ħidma ta' l-Arċipriet Mons Mikiel Cefai u tal-Kumitat tal-banda La Stella.

## IL-FESTA LITURĠIKA-FESTA TAL-PREĊETT

Fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof David Cocco Palmier tas-sena 1685 lill-Parroċċa ta' San Ġorġ naqraw: "li l-Festa ta' San Ġorġ fit-23 ta' April issir bl-ewwel, it-tieni għasar, u quddiesa bil-kant immexxija mill-Kappillan ta' San Ġorġ".

Fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Pawlu Alpheran De Bussan lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fil-15 ta' Settembru 1744 naqraw: " il-festa ta' San Ġorġ kienet issir fit-23 ta' April. Id-distrett ta' San Ġorġ, jiġifieri l-parruċċani tiegħu kienu obbligati jharsu l-preċett billi jisimgħu l-quddies u ma jsirx xogħol ta' l-idejn." Minn kont tal-festa ta' San Ġorġ tat-23 ta' April 1785 nafu li kienet issir huġġieġa lejliet San Ġorġ, fejn għal tlett qrietel u ħatab nefqu 4 skudi u 7 tari. Għal tambur fil-purċissjoni nefqu 10 tari. Għall-mużika ta' żewġ għosrien, quddiesa kantata bl-orgni u dak li jonfoħ il-minfaħ ta' l-orgni, intefqu 12-il skud u 3 tari. Il-paniġierku sar 'gratis', b'xejn u għall-weraq tal-ħarrub jew tar-rand imxerred fil-purċissjoni ntefqu skud u 5 tari. Għall-isparar il-Kap u Mastru Pawlu Grima tħallas 10 skudi u 7 tari.

Qabel it-twaqqif tal-Kolleġġjata fil-Bażilika ta' San Ġorġ bid-Digriet ta' l-Isqof Mons Nikol Ġ. Cauchi tat-8 ta' Diċembru 1975, fuq stedina mill-Arċipriet, lejliet u nhar il-Festa ta' San Ġorġ fil-purċissjoni kien jiffunzjona l-Kapitlu tal-Katidral. Il-purċissjoni ta' San Ġorġ kien ilha ssir pontifikali sa minn qabel Għawdex sar djoċesi għalih fl-1864. Fis-sena 1944 l-Isqof Mons Ġużeppi Pace beda jagħmel it-Trasulazzjoni, l-Ewwel Għasar u l-quddiesa Pontifikali u tkompla jsir hekk anke mill-Isqof Mons Nikol G. Cauchi. Il-patrijiet Agostinjani, Konventwali u Kapuċċini bdew jieħdu sehem fil-purċissjoni ta' San Ġorġ sa mis-sena 1830 (3).

***Referenzi:***


1. Gozo and Its Culture. S. Fiorini: "Gozo in the Late Middle Ages and early Modern Times". p.53: Edited by L. Briguglio & J. Bezzina, 1995.

2. Martyrologium Romanum. Typis Polyglottis Vaticanuis. A.D. MDCCCLVI.p.95.

3. Kan. Dun Nikol Vella Apap, Tagħrif fuq San Ġorġ Miġbur minn Kitiieba differenti.


## DAR TAL-PARROĊĊA

Bħalma kulħadd jaf il-parroċċa tagħna bħal issa qed tagħmel xogħlijiet kbar fid-dar tal-Parroċċa fi Pjazza San Ġorġ. Din id-dar kienet ir-residenza ta' Mons Giovanni Frendo u kienet ġiet regalata lill-Parroċċa mis-Sur Paul M. Cassar. Dan ix-xogħol qed isir mill-imgħallem Anthony Vella u meta tkun lesta ser tintuża għal attivitajiet pastorali u kulturali.

## DONAZZJONI TA' KOTBA

Ġew regalati għadd kbir ta' kotba li se jkomplu jagħnu l-Bibljoteka Storika u Kontemporanja tal-Bażilika. Dan ir-rigal sar minn Fr. Charles Cini SDB li huwa c-Chairman tal-Fondazzjoni Belt Vittorja.

## Rokna tal-Tfal

Għeżież tfal,

Nisthajjilkom diġa bdejtu tgħumu, mhux hekk? Is-sħana ilha li bdiet. L-eżamijiet ilhom li għaddew. Issa hu ż-żmien tal-mistrieħ..u tal-vaganzi. Imma issa reġa' wasal iż-żmien tal-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ. Naħseb li ilkomn tistennewha u tixtquha sena sħiħa, minn mindu għaddiet is-sena l-oħra. Issa, bil-għajnuna t'Alla reġgħet waslet.

X'bi ħsiebkhom tagħmlu għall-festa? Tiddevertu, s'intendi? U tagħmlu tajjeb, basta tkunu moderati u ma toffendu lil ħadd. Imma d-divertiment mhux kollox, tafux. Jeħtieġ tagħmlu Iżjed minn hekk. Qabel xejn, tridu tattendu għall-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja, speċjalment fil-ġurnata li tkun dedikata għalikom it-tfal. Il-ġurnata u l-ħin jkunu pubblikati fil-Bullettin. Segwuhom.

Tfal, San Ġorġ miet biex jiddefendi l-fidi tiegħu, fidi li hu kellu f'Ġesù Kristu. Miet għall-imħabba t'Alla. Tant kien Iħobbu lil Ġesù San Ġorġ, li spiċċa biex miet għalih. Forsi nkun qed nitlob ħafna minngħandkom jekk inħeġġiġkom biex tmutu għal Ġesù. Imma, tfal, biex tmutu għal Ġesù, mhemmx għalfejn jaqtgħulkom raskom kif għamlu lil San Ġorġ. Biżżejjed tiċċaħdu mill-pjaċiri tad-dinja. Biżżejjed tagħmlu ftit tas-sagrifiċċju. Biżżejjed tħobbu lil dawk li intom tqisuhom bħala għedewwa tagħkom. Biżżejjed tobdu u tagħmlu dak li jgħidulkom il-ġenituri tagħkom. Biżżejjed taqdu d-dmirijiet tagħkom sewwa, b'mod xieraq u kif imiss. Biżżejjed ma tixtequx ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

**Il-festa t-Tajba tfal.**

Tata'

*Iz-Ziju Peppi*

## Ritratt b'Tifkira ta' Mons. Emanuel Mercieca



Dan l-aħħar, kif kien xieraq, fis-sagrestija tal-Bażilika tagħna tqiegħed ritratt ta' l-Arċipriet Mons Emanuel Mercieca xogħol fuq it-tila tal-magħruf artist Raymond Pitre'. Mons Mercieca kien ġie maħtur Arċipriet tal-Parroċċa tagħna fl-1975 u dam f'din il-kariga sa Frar 1986. Illum Mons Mercieca, Arċipriet Emeritus, għadu attiv fis-servizzi liturġiċi tal-Kolleġġjata u hu d-Direttur ta' l-Iffiċċju Missjunarju Djoċesan.

Raymond Pitre' li ħadem dan il-kwadru twieled fl-14 ta' Diċembru 1940 u pitter diversi pesonalitajiet kemm Maltin kif ukoll barranin.Diversi ritratti ta' Presidenti u Prim Ministri ta' Malta jinsabu fil-Palazz il-Belt Valletta u fil-Berġa ta' Kstilja. Huwa esebixxa kemm f'Malta kif ukoll barra, iddisinja ħames settijiet ta' bolli ta' Malta u xogħlijiet tiegħu nsibuhom ukoll fil-Parroċċl ta' San Ġużepp, l-Imsida, u f'dik ta' Stella Maris f'tas-Sliema.

*(Ritratt) Raymond Pitre' jagħti l-aħħar daqqiet lill-pittura ta' Mons Mercieca.*

## MUŻIKA MINN GĦAWDEX FIL-KONKATIDRAL TA' SAN ĠWANN

Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet kulturali li saru għall-inawgurazzjoni uffiċċjali tar-restawr tal-kwadru tal-Caravaggio ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann ġiet esegwita l-quddiesa Princeps Martyrum, magħrufa bħala 'Mass in D', xogħol il-Prof Mro. Joseph Vella. Din il-quddiesa ġiet esegwita flimkien ma' żewġ xogħlijiet korali oħra ta' Vella nhar it-Tlieta 15 ta' Ġunju 1999, waqt kunċert li fih ħa sehem il-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika tagħna u l-Orkestra Nazzjonali, diretti mill-istess kompożitur, fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta.

Il-Quddiesa kienet ġiet komposta fl-1975 biex tiġl esegwita fil-Bażilika tagħna waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' jum il-festa. Fl-1995, b'att notarili, Mro. Vella rregala lill-Kapitlu tal-Bażilika.

Fil-kunċert li sar f'din l-okkażjoni ġew esegwiti wkoll żewġ xogħlijiet oħra ta' Mro. Vella. Dawn kienu "Sicut Cervus" (Op. 83) komposta għas-sezzjoni femminili tal-Kor Laudate Pueri u "Sequenza" (Op. 85) li ġiet esegwita mis-sopran Maria Frendo u l-alto Antionette Camilleri, it-tnejn min Għawdex u membri tal-Kor Laudate Pueri.

Fil-quddiesa ħadu sehem ukoll is-solista Għawdxi Joseph Mercieca (tenur), u s-solisti barranin Veronica Vascotto (sopran) u Carlos de Miranda (baritonu).

Il-kunċert kien trasness dirett mill-istazzjon tat-televiżjoni Malti u ġie segwit minn eluf kbar ta' Maltin u Għawdxin.

## MATTIA PRETI - *300 sena minn mewtu*

Il-Bażilika ta' San Ġorġ kienet il-post magħżul mill-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex ifakkar lill-pittur ċelebri Mattia Preti ġie f'għeluq it-300 sena minn mewtu. Din il-kommemorazzjoni saret nhar is-Sibt 15 ta' Mejju 1999. Il-pittura ta' Mattia Preti f'Għawdex hi rappreżentata biss minn żewġ kwadri stupendi li jinsabu fil-Bażilka tagħna, jiġifieri l-kwadru Titulari u l-ieħor, kif nafuh aħna, il-kwadru ta' l-Erwieħ. Fil-fatt f'pubblikazzjoni ta' l-Istituto Italiano di Cultura, l-Ambaxxata Taljana f'Malta inkludie dawn iż-żewġ kwadri bħala xhieda tal-preżenza ta' Preti f'Għawdex ukoll. Il-kwadru titulari tal-Bażilika tagħna sar fl-1678, filwaqt li dak ta' L-Erwieħ sar fl-1688/89.



F'din il-kommemorazzjoni sar kunċert fuq l-orgni minn Mro. Dion Buhagiar, l-organista tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta kif ukoll diskors dwar Mattia Preti mir-Rev. Fr. Marius Zerafa O.P. (ritratt) ex-kuratur tal-Mużew Nazzjonali. Fi tmiem il-kommemorazzjoni Mons Arċipriet Ġużeppi Farrugia għamel diskors qasir ta' radd il-ħajr u ppreżenta lil Mons Lawrenz Sciberras, Chairman tal-Kumitat tal-Kultura, bi kwadru li jirrapreżenta t-titular biex jitqiegħed fl-uffiċċju tal-Kunsill tal-Kultura.

# SOLISTI INTERNAZZJONALI GĦALL-FESTA 1999

Għall-aħħar festa ta' San Ġorġ għal dan il-millenju ser jkollna fostna solisti internazzjonali li ser jieħdu sehem fil-kant litutġiku fil-Bażilika tagħna.

Kull minn kellu x-xorti li jkun preżenti għall-opra grandjuża Aida li saret b'suċċess fit-Teatru Astra baqa' milqut bis-sbuħija, qawwa u ċarezza tal-vuċi tat-Tenur Bulgaru Rumen Doikov *(ritratt)*. Fuq stedina tad-diriġenti tal-Kor Laudate Pueri, dan it-tenur ta' fama internazzjonali ser jkun is-solist ewlieni matul il-festa kollha ta' San Ġorġ. M'għandniex dubju, li l-kontribut ta' dan it-tenur, flimkien ma' dak tas-sopran liriku Veronica Vascotto (mistiedna tal-benefattur tal-Bażilika Fr. Charles Cini SBD), il-baritonu Carlos de Miranda u l-baxx Luciano Martusciello, se jkompli jgħolli 'l fuq il-prestiġju uniku li l-festa tagħna tgawdi f'Malta fil-qasam tal-mużika sagra li tiġi esegwita taħt id-direzzjoni tal-Prof Mro. Joseph Vella, maestro di cappella.



L-organiżżaturi jixtiequ juru l-apprezzament kbir u r-ringrazzjament mill-qalb li bis-saħħa tagħhom setgħu jiġu mistiedna dawn is-solisti ta' kalibru internazzjonali. Dawn l-inizjattivi huma għall-akbar glorja t'Alla, l-awtur tal-pefezzjoni, u ta' ġieħ u unur għall-komunita' parrokkjali li jixhdu għal sens raffinat ta' kultura u apprezzament għas-sbuħija ispirati mill-imħabba lejn il-Patrun għażiż tagħna San Ġorġ li jixraqlu dejjem l-aħjar.

# IL-Kor ta' ELY CATHEDRAL għall-Festi ta' San Ġorġ



Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħ San Ġorġ, Patrun tGħawdex, ser jsiru żewġ avvenimenti ta' livell għoli. Ser ikun hawn fostna l-kor prestiġġjuż tal-Katidral ta' ELY. Dan il-kor, li hu iffurmat minn 40 membru, igawdi fama internazzjonali u hu meqjus fost l-aqwa korijiet mhux biss fir-Rejnu unit imma wkoll fl-Ewropa.

Dan il-kor ser jagħti kunċert ta' mużika sagra fil-Bażilika tagħna nhar is-Sibt 10 ta' Lulju 1999 fit-8.00pm u jkanta waqt il-Quddiesa Solenni Kapitulari tal-Ftuħ tal-Festi l-għada l-Ħadd 11 ta' Lulju fid-9.00am. Dan il-kor se jissieħeb mal-kor Laudate Pueri fil-kant polifoniku fl-Għasar ta' l-Ewwel Jum tat-Tridu, nhar l-Erbgħa 14 ta' Lulju fis-6.30pm.

Avveniment kulturali importanti ieħor se jkun kunċert mid-Duo Klassiku Marcello Canci (vjolin) u Giuseppe Scotese (pjanu), it-tnejn professuri fl-Accademia di Santa Cecilia f'Ruma. Dan il-kunċert, li se jinkludi fih uħud mill-isbaħ siltiet fir-repertorju klassiku-popolari se jsir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Lulju fit-8.00pm fil-Bażilika.

Ġie ippubblikat poster sabieħ ta' San Ġorġ li tqassam lill-familji kollha waqt il-ġbir li sar għall-festi ta' ġewwa. Dawk li jixtiequ kopja tiegħu fuq kartonċina jistgħu jiksbuha mill-Uffiċċju Parrokkjali bil-prezz ta' 50ċ.




# GĦAWDEX Bil-Ġrajja Tiegħu

Il-Fondazzjoni Belt Victoria ippubblikat l-ktieb ta' l-istorja ta' Għawdex miktuba mill-Kan. Ġann Piet Franġisk Aguis De Soldanis li kien saċerdot mill-Parroċċa. Il-Manuskritt tal-ktieb jinsab fil-Librerija tal-Belt Valletta u Dun Ġużepp Farrugia Gioioso saċerdot studjuż li ħafna minnha għadna nafuh kien ittraduċieh għal Malti minn kopja tiegħu li tinsab fil-Librerija Pubblika f'Għawdex. De Soldanis twieled ir-Rabat Għawdex fil-31 ta' Ottubru 1712 u miet fil-Belt Valletta fit-30 ta' Jannar 1770. L-isem proprju tal-manuskritt huwa "Il Gozo Antico e Moderno Sacro e Profano". It-traduzzjoni ta' Mons Farrugia kienet pubblikata f'żewġ volumi bit-titolu "Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu". L-ewwel volum ħareġ fl-1936 u t-tieni wieħed wara l-Gwerra fl-1953. Illum dawn iż-żewġ volumi huma 'out of print'

L-edizzjoni li ippubblikat il-Fondazzjoni Belt Victoria ser tkun jew ta' żewġ volumi de luxe bil-prezz ta' Lm15 u edizzjoni paper back f'volum wieħed bil-prezz ta' Lm8. Iż-żewġ edizzjonijiet tal-ktieb ġew stampati fl-Italja bil-ħidma ta' Dun Charles Cini SDB li hu c-Chairman tal-Fondazzjoni.

**Dawk interessati li jkollhom kopja ta' din l-istorja t'Għawdex jistgħu jiktbu lil Fondazzjoni Belt Victoria, 39, Pjazza San Ġorġ, Victoria, Għawdex jew iċemplu 55 63 77 (Fax: 55 69 81).**